MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 290/2007

**A B C**
**vs**
**DC**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ippremetta:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fir-Registru Pubbliku fit-23 ta' Frar 1991 u minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla wahda Chantelle C li twieldet fid-9 ta' Mejju 1992.

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenuta;

3. Illi l-esponenti jirrileva illi madwar tmien snin qabel ma’ ltaqa’ mal-konvenuta z-zwieg precedenti tieghu ma’ certu Marion Tildesley, ta’ nazzjonalita’ Ingliza gie dikjarat null b’sentenza deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Mejju 1985. Jinghad illi l-imsemmija Marion Tildesley kienet harbet minn Malta meta kellha seba’ xhur tqala u l-esponent sar jaf illi twieled tifel bl-isem ta’ Piers Kristian C fis-6 ta’ Lulju 1983. Illi meta ltaqa’ mal-konvenuta huwa kien mill-ewwel informaha li huwa kellu tifel miz-zwieg precedent tieghu u li kien qieghed jipprova jfittxu ghaliex l-imsemmija Marion Tildesley kienet biddlet ir-residenza taghha gewwa l-Ingilterra u ma setax jirrintraccha. Il-konvenuta min-naha taghha sa minn qabel iz-zwieg u anke matul iz-zwieg kienet tghidlu lill-esponent illi f’kaz illi dan it-tifel jinstab hija kienet lesta illi trabbieh bhallikieku kien binha;

4. Illi pero’ gara illi meta finalment l-esponent irnexxilu jirrintracca lill-ibnu f’Gunju 2006 u nforma lill-konvenuta b’dan, hija irribellat u qaltlu li hija ma kinitx lesta illi trabbieh u li ma riedet taf b’xejn ghaliex m’ghandhiex x’taqsam mieghu;

5. Illi jinghad illi minn dakinhar il-quddiem il-problemi matrimonjali ta' bejn il- kontendenti komplew jaggravaw;

6. Illi l-esponent jirrileva illi mill-bidu taz-zwieg il-konvenuta kienet tghidlu li hija izzewgitu biex taghmillu pjacir u dan kienet tghidulu ta' spiss waqt argument. Xi trid tghid bih dan il-kliem l-esponent ma' jafx pero' jassumi illi l-konvenuta qieghda tirreferi ghall-fatt illi huwa kien diga' mizzewweg u annullat ;

7. Illi apparti minnhekk il-kontendenti ghaddew minn problemi bejniethom meta bdew jircievu fid-dar telefonati anonimi u wara irrizulta illi dawn it-telefonati kienu qeghdin jsiru mid-dar u mill-hanut ta' ohtha u tar-ragel taghha. Ghalkemm irrizulta minn investigazzjonijiet illi dawn it-telefonati kienu qeghdin jsiru mill-familjari taghha, l-attrici baqghet tiddefendi lill-ohtha u lir-ragel taghha u bdiet tehodha kontra zewgha stess;

8. Illi in oltre l-esponent kien jhossu imwegga' hafna ghaliex il-konvenuta ma' kinitx thallih jippartecipa fit-trobbija tat-tifla tal-kontendenti. Hija dejjem kienet tikkontradixxih u tumiljah quddiem kulhadd inkluz it-tifla minuri;

9. Illi l-esponent jirrileva illi martu waqfet kwalunkwe kuntatt mieghu, inkluz dak intimu madwar erba' snin ilu u terzi persuni kienu bdew jghidu lill-esponenti illi hija kienet tiftahar man-nies illi ma' torqodx ma' zewgha u zewgha xorta jtiha l-paga kollha sabiex tamministraha hi u kull darba li jkollu bzonn jixtri xi haga jkollu jitlob l-flus lilha;

10. Illi l-hajja matrimonjali saret insapportabbli u l-esponent beda bil-proceduri ta' medjazzjoni pero' dawn il-proceduri kellhom jinghalqu ghaliex l-konvenuta ippretendiet sehem akbar milli ghandha skont il-ligi stante l-fatt illi l-maggior parti tal-assi huma proprjeta' parafernali tal-esponent.

11. Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din 1-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-14 ta' Mejju 2007.

L-attur ghalhekk talab li din il-Qorti:

1) tiddikjara u tippropunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta minhabba adulterju, servizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha u b'ordni tal-Qorti datata 20 ta' Frar 2013 din it-talba qed titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu;

3) tawtorizza lill-attur illi jaccedi ghall-bintu minuri Chantelle b'mod adegwat skont il-granet u hinijiet li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

4) tapplika kontra 1-konvenuta interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16);

5) tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u kull kommunjoni ta' propjeta' ezistenti bejn il-kontendenti, u tordna li l-oggetti hekk appartenenti komunament lill-kontendenti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista, 'inter alia', tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6) ikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur 1-beni kollha partikolari ossija parafernali tieghu illi jinsabu fil-pussess taghha jew altrimenti huma goduti minnha.

7) tordna illi d-dar matrimonjali tigi okkupata esklussivament mill-attur.

8) tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta’ medjazzjoni numru 1256/06.

Illi permezz tar-risposta guramentata taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-23 ta’ Frar 1991 u minn dan iz-zwieg twieldet Chantelle fid-9 ta’ Mejju 1992 u llum ghandha hmistax il-sena;.

2. Illi l-intimata taqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet u dan peress li z-zwieg tkisser irrimeddjabbilment izda dan minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel fosthom adulterju da parte tieghu;

3. Illi mhux minnu li qatt kien hemm xi adulterju, sevizzji eccessi u ngurji gravi da parte tal-mara u se mai dawn kienu da parte tar-ragel inkluz l-adulterju li ser jigi pruvat waqt il-gibr tal-provi;

4. Illi kien l-istess rikorrent li l-prijoritajiet tieghu fiz-zwieg ma kienux il-familja izda l-egoizmu u r-relazzjoni li ghad ghandu mal-partner tieghu li kissru l-istess zwieg;

5. Illi l-allegazzjonijiet maghmula mir-ragel fir-rikors guramentat tieghu partikolarment paragrafi 4 sa 10 huma nfondati fil-fatt u hekk ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi l-mara kienet dejjem mara tad-dar li tiehu hsieb il-familja taghha u kien ir-ragel li qalilha li jrid jissepara u r-raguni hi minhabba l-girlfriend tieghu;

7. Illi mhux minnu li l-medjazzjoni ma rnexxitx ghax il-mara ippretendiet iktar minn dak li haqqa izda r-raguni kienet li r-ragel ghandu l-mentalita' li huwa biss kien jahdem fiz-zwieg u ghalhekk ghandu jiehu kollox hu;

8. Illi hija taqbel mal-ewwel talba izda certament il-htija ma tistax tigi attribwita lilha izda lilu ghar-ragunijiet suesposti;

9. Illi hija taqbel mat-tieni talba;

10. Illi dwar it-tielet talba huwa ghandu ikollu access versu l-minuri, liema access ghandu jkun skont l-interess u x-xewqat tal-istess minuri;

11. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda u l-artikoli kwotati se mai ghandhom jigu applikati kontra r-ragel;

12. Illi hija taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta b'kull parti tiehu dak spettanti lilha skond il-ligi;

13. Illi dwar is-sitt talba r-rikorrent ghandu jindika x'inhuma l-beni parafemali tieghu li qed isemmi;

14. L-intimata topponi ghas-seba' talba stante li tixtieq tghix god-dar mat-tifla, stante li hi m'ghandhiex residenza altemattiva filwaqt li hu ghandu;

15. Illi r-ragel ghandu ihallas manteniment ghal bintu u martu stante li ma tahdimx;

16. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Iigi.
Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li jibqa' minn issa ngunt in subizzjoni.
Illi l-konvenuta pprezentat **Kontro-Talba**, u ddikjarat u talbet kif gej:
1. Illi 1-partijiet izzewgu fil-23 ta' Frar 1991 u minn dan iz-zwieg twieldet Chantelle fid-9 ta' Mejju 1992 u llum ghandha hmistax-il sena;
2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel fosthom adulteiju, eccessi u ingurji fil-konfront ta' martu;
3. Illi l-partijiet ghadhom qed jghixu taht l-istess saqaf izda din is-sitwazzjoni hija insopportabbli u qed tohloq hsara lill-istess minuri tal-partijiet;
4. Illi l-mara illum ghandha sitta u hamsin sena u ma tahdimx, xoghol taghha dejjem kien dak tal-mara tad-dar li tiehu hsieb id-dar u l-familja u m'ghandhiex mezzi finanzjarji sabiex tmantni lilha innifisha u lill-minuri;
5. Illi l-partiiet kien ilhom mizzewgin ghal dawn is-snin kollha izda r-ragel ghazel li jkisser iz-zwieg u dahal f'relazzjoni ma' persuna ohra u fil-fatt ghadu maghha.

Ghaldaqstant jghid l-intimat rikonvenzjonat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuni:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C u dan minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel inkluzi adulterju, eccessi sevizzi u ingurji da parte tieghu;
2. Tapplika kontra r-ragel id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tittermina u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti b'dan illi tigi likwidata u maqsuma f' zewg partijiet in vista tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-istess ragel ghandu jkun kunsidrat hati tal-firda;
4. Tawtorizza lill-mara tghix flimkien mal-minuri Chantelle C fid-dar matrimonjali, ad esklussjoni tar-ragel;
5. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Chantelle C f' idejn il-mara filwaqt li r-ragel ikollu access versu l-minuri skont ix-xewqat u fl-ahjar interess tal-minuri;
6. Tordna lir-ragel ihallas manteniment lill-mara ghaliha u ghall-minuri Chantelle C filwaqt li r-ragel ihallas l-ispejjez kollha tal-minuri inkluzi dawk tas-sahha u edukazzjoni, liema manteniment ghal-minuri jibqa' jiddekorri sakemm il-minuri issib xoghol bazi full time.

Illi l-attur rikonvenut ipprezentata **Risposta Guramentata** ghall-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenjenti, li permezz taghha eccepixxa illi:
1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali b'dan pero' illi kienet l-istess konvenuta illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk mhuwiex minnu illi l-attur b' xi mod ta lok ghas-separazzjoni personali kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal- kawza;
2. Illi t-tieni talba hija opposta stante illi ma hemmx lok ghalfejn ghandhom jigu applikati kontra tieghu d-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-konvenuta u konsegwentement dawn l-imsemmija artikoli ghandhom jigu applikati kontra l-istess konvenuta peress illi hija kienet hatja esklussivament ghat-tifrik taz-zwieg;
3. Illi dwar it-tielet talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal- akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti m'hijiex opposta, b'dana pero' illi jigi kkonsidrat illi kienet l-istess konvenuta illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz- zwieg tal-kontendenti u li hija l-konvenuta stess li hija hatja tat-tifrik taz- zwieg;
4. Illi r-raba' talba hija opposta fil-konfront tal-konvenuta izda mhux fil- konfront tat-tifla minuri illi tista' tibqa' tghix fl-istess dar matrimonjali flimkien mal-esponent;

5. Illi l-hames talba m'hijiex opposta b'dan illi jigu ffissati granet u hinijiet fissi b'mod illi l-access ikun regolat minn dina l-Qorti sabiex id-dritt tal-esponent illi jaccedi ghal bintu minuri jkun issalvagwardjat;

6. Illi s-sitt talba tal-konvenuta ghall-manteniment fil-konfront tal-konvenuta huwa oppost stante illi hija kapaci tahdem u ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha u dan kif ser jigi ppruvat waqt 1- kors ta' din i1-kawza pero' fil-konfront tat-tifla minuri dan mhuwiex oppost u ghandu jithallas skont il-mezzi tal-esponent u sakemm taghlaq it-tmintax-il sena skont il-ligi.

L-attur rikonvenut iddikjara u kkonferma bil-gurament tieghu :-

1. Illi l-attur jichad kategorikament illi huwa kien hati tat-tifrik taz-zwieg u li huwa ikkommetta adulterju izda hekk kif spjegat fid-dettal fir-rikors guramentat tieghu z-zwieg tfarrak minhabba l-komportament biered u l-atteggjament negattiv u ta' nuqqas ta' rispett ta' martu fil-konfront tieghu specjalment meta l-esponent irnexxielu wara tlieta u ghoxrin sena jsib lil ibnu mill-ewwel zwieg tieghu. Illi l-esponent dejjem ried illi jkollu familja wahda maghquda izda din ma kienetx l-istess xewqa ta' martu;

2. Illi huwa minnu illi l-kontendenti ghadhom jghixu sal-lum taht l-istess saqaf fid-dar matrimonjali (li hija parafernali tal-esponent) flimkien mat-tifla minuri pero' ma' jistax jinghad illi "s-sitwazzjoni saret wahda insopportabbli" hekk kif qieghda tiddikjara l-konvenuta fir-risposta taghha meta hija ta' kuljum titlaq mid-dar matrimonjali kmieni fil-ghodu u tirritorna lura bil-lejl b'mod illi l-partijiet mhux qed jkollhom kuntatt sahansitra l-esponent ilu ma' jara lil bintu ghal dawn l-ahhar xahrejn. Apparti minn hekk il-kontendenti jghixu f'partijiet separati tad-dar u cioe' l-esponent joqghod f'kamra fis-sular ta' isfel filwaqt illi martu u bintu jghixu fis-sular ta' fuq u se mai is-sitwazzjoni fid-dar saret insopportabbli ghall-esponent u mhux ghall-konvenuta. Jinghad illi qabel ma' l-esponent sab lil ibnu t-tifla minuri kellha relazzjoni tajba hafna ma' missierha li hija l-unika tifla tal-kontendenti u dejjem hadet li riedet minnhom pero' meta imbaghad l-esponent sab lill-ibnu hija waqqfet kull kuntatt minn mieghu ghaliex

eppretendiet illi l-esponent ghandu jinsa' lill-wild l-iehor tieghu;

3. Illi l-esponent jirrileva illi huwa minnu illi martu l-konvenuta qatt ma hadmet (ghaliex kienet komda bizzejjed b'zewgha jaghmel tlett xogholijiet sabiex jlahhaq mal-ispejjez tal-hajja) izda mhuwiex minnu illi l-konvenuta kienet taghmel ix-xoghol tad-dar kif kienet mistennija taghmel ghaliex hija kienet dejjem mohhha sabiex titlaq 'l barra mid-dar ghaliex hija dejjem gabet lill-familja taghha qabel zewgha;

4. Illi l-esponent ghamel kull ma huwa possibli sabiex jsalva z-zwieg tieghu izda meta huwa induna illi m'hemmx tama illi martu tbiddel il- komportament taghha huwa ddecida illi m'hemmx lok ghar- rikonciljazzjoni u ghalhekk beda l-proceduri ta' medjazzjoni kontra martu;

5. Illi jinghad illi l-proceduri ta' medjazzjoni ma' setghux jirnexxu ghaliex l-Avukat taghha stess waqfethom wara li l-konvenuta ma riedet tasal b'xejn ghal ftehim u baqghet tinsisti illi hija kellha tiehu aktar milli kien jispetta lilha skont il-ligi.

Illi permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti tal-15 ta’ Novembru 2007 Dr Graziella Bezzina giet nominata Perit Legali, bl-inkarigu illi tisma’ l-provi u wara tirrelata dwar it-talbiet tal-partijiet, fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati minnhom.

Illi in adempiment mal-inkarigu moghti lilha, il-Perit Legali zammet sebgha u erbghin seduta.

Illi b’digriet li nghata minn din il-Qorti fil-21 ta’ Mejju 2009, ix-xhieda li nghatat minn Chantelle C, bint il-partijiet, li dak iz-zmien kienet ghadha minuri, giet sfilzata.

Rat ir-rapport tal-abbli Perit Legali Dr Graziella Bezzina mahluf fid-19 ta’ Frar 2013.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat is-sentenza *in parte* taghha tal-20 ta’ Frar 2013 li permezz taghha ordnat li din il-kawza ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi.**

**L-attur A B C** fl-Affidavit tieghu[1] xehed illi qabel ma zzewweg lil DC huwa kien mizzewweg lil Marion xebba Tildesley ta` nazzjonalita Ingliza izda dan iz-zwieg kien gie dikjarat null mill-Qorti Civili peress li kienet tbati minn *psychotic depression* liema marda kien sar jaf biha wara z-zwieg meta l-ewwel mara kienet giet rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli. F`dan il-perjodu l-ewwel mara li kien mizzewweg kienet tinsab fi stat ta` tqala liema tqala giet kompletata l-Ingilterra wara li kienet harbet minn Malta. Minn din it-tqala fis-6 ta` Lulju 1983 kien twieled ibnu Piers Kristian C. L-attur jghid li hu ma kienx jaf immedjatament b`dan it-twelid biss l-informazzjoni li twieled Piers waslitlu f`Settembru tas-sena 1983. Meta sar jaf huwa kien ghadu ma tgharrasx lill-konvenuta izda peress illi l-konvenuta kienet girien ma' ommu u kienet tiffrekwenta b`mod regolari l-familja tieghu kien qasam din l-informazzjoni maghha u kien anke urieha immedjatament l-intenzjoni li jfittex u jsib lil ibnu Piers. L-attur ikompli jghid illi dwar il-fatt li kien mizzewweg mara ohra kienet taf zgur peress li kienu girien u hi kienet mistiedna ghat-tieg tieghu ma' l-ewwel mara li kellu. Illi snin wara u meta hu u Dtgharrsu u aktar tard meta saret martu hija kienet weghditu b`mod car li jekk isib lil ibnu hija kienet lesta li taccettah u li kienet lesta li trabbieh daqs li kien binha.[2]

L-attur jghid ukoll pero' li sa mill-bidu taz-zwieg tieghu mal-konvenuta bdew ifiggu l-problemi. Madwar sena wara li hu u Dizzewgu huwa kellu jaghmel operazzjoni serja f`daharu u ghalhekk kien jippretendi ta` l-anqas support morali. Biss dan is-support morali jghid li ma sabux ghaliex skont l-attur, il-konvenuta aktar kien jinteressaha l-hanut t`ohtha milli kemm it-tqala taghha kif ukoll dak li kien ghaddej minnu. Jghid ukoll li meta darba

[1] Vol. I, fol. 84
[2] Fix-xhieda tieghu tas-6 t`Ottubru 2008 (Volume 3 Fol,372 u 373) Dr.Karistu Abela in effetti jghid illi liz-zewg partijiet kien sar jafhom flimkien fil-funeral taz-zija tieghu u dakinhar stess kienu talbuh sabiex jghinhom isibu lil iben Mr.C u li kellha ssir ricerka dwar din il-persuna billi Mr.C kien qal li ma kellux aktar kuntatt ma ibnu.Kienu ftehmu li jmorru l-Airport sabiex juzaw l-internet u jidhlu fis-sit elettroniku tar-Registru Elettorali tal-Ingilterra.

gibed l-attenzjoni ghal dan l-agir minghajr ebda misthija irrispodietu b`mod li qatt ma kien jistenniha – tant li quddiem ommu qaltlu car u tond li fejn joqoghdu l-familja ta` origini taghha hu ma kien joqghod qatt. L-attur jghid ukoll illi l-istat ta` abbandun, telqa, hmieg u traskuragni fid-dar tant kien evidenti li stajt thossu u tarah minghajr diffikulta f`kull rokna tad-dar u dan nonostante l-fatt li waqt iz-zwieg hija qatt ma hadmet. Jghid ukoll li l-aktar haga li kienet twegghu kienet li qatt tul is-snin li ghexu flimkien ma kielu bhala familja normali madwar mejda u li infatti fil-presenza tieghu martu qatt ma kielet bil-qieghda. L-attur ikompli jghid li l-konvenuta dejjem riedet kontroll assolut fuq il-finanzi tal-familja u li tant hu hekk li sal-lum il-gurnata qatt ma kellu cavetta tas-safe tad-dar f`idu. In kontro-ezami (Volume 1 tergo Fol.398) jghid li hija kienet tinsisti li jghaddilha l-paga kollha wara li hija kienet issarraflu c-cheque. Jghid li dan kollu baqa' jissaportih b`mod silenzjuz ghax ma riedx jisma' ghajjat u twerziq u ghax beza li jghaddi mill-istess trauma li kien ghadda minhabba t-telfien t`ibnu. Huwa jghid ukoll li sa minn meta sar jaf li twieled ibnu hu beda jipprova isibu u li matul is-snin ghamel minn kollox biex isibu imma kien kollu ghalxejn. Jghid li meta twieldet bintu kien iddecieda li sakemm tikber u tkun kapaci tifhem din is-sitwazzjoni jkun aktar ta` gid ghaliha ma jsemmilha xejn kemm dwar l-ewwel zwieg kif ukoll dwar li ghandha huwha li ma kienx jaf fejn qieghed.

Huwa jghid ukoll li minn meta twieldet bintu Chantelle sal-lum qatt ma thalla jorqod ma' martu wahdu ghax ghalkemm wera aktar minn darba d-disapprovazzjoni tieghu martu dejjem opponiet dan ghax riedet li binthom tibqa' torqod maghha. Dan wassal tista' tghid ghal kwazi terminazzjoni totali ta` relazzjonijiet intimi bejnu u martu. Jghid illi fis-sena 2001 is-sitwazzjoni b`mod generali taz-zwieg tieghu ma' martu bdiet tiddeterjora tant li sal-Milied 2005 seta' jghid li z-zwieg tieghu spicca kompletament.

Jghid ukoll illi f`Marzu 2006 kellu jerga' jidhol l-Isptar biex jaghmel operazzjoni ohra f`dahru. Ftit wara li hareg rega' beda tfittxija intensiva biex isib lil ibnu u minn din it-tfittxija ibnu instab. Tul din l-ahhar tfixxija beda jinduna li martu

bdiet taghmel pressjoni kbira fuq habiba tal-familja Rita Abela liema habiba kienet strumentali biex ibnu jinstab, u infatti kienet hi li marret ghand il-Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija B Rizzo biex tfittex l-ghajnuna. Jghid ukoll li waqt li kien rikoverat l-Isptar beda jistaqsi biex isib xi psikologu li jista' jghinu biex javvicina lit-tifla u jghidilha b`huha u minn hawn hareg l-isem ta` Dr.Paul Micallef li hu beda jmur ghandu f`Gunju tal-istess sena.

Huwa jghid ukoll illi mis-sena 2006 'il quddiem graw diversi affarijiet li wiehed ma jistax jaghlaq ghajnejh ghalihom. Fis-27 ta` Gunju 2006 hu u martu marru ghal binthom l-iskola u bhal sajjetta fil-bnazzi kif Chantelle rikbet fil-karozza martu daret fuqha u qaltilha li hu u hi se jinfirdu u li meta staqsiha x`kienet ir-raguni bdiet tinsulentah. Huwa jghid ukoll li meta ra li martu waslet ghal dan it-tip ta` atteggjament madwar jumejn wara resaq fuq bintu u qalilha l-verita' kollha dwar huha qabel ma jkun tard wisq. Ftit granet wara dan l-incident martu u bintu stqarrew li bintu Chantelle kienet ilha minn meta kellha ghaxar snin taf bl-istorja li hu kien mizzewweg qabel u li hu kellu wild iehor mill-ewwel zwieg.

Infatti jkompli jghid li martu ghazlet li ma turiehx li lil Chantelle kienet qaltilha bl-istorja kollha - aktar u aktar meta kien jaf li bintu kienet migbuda hafna lejh. Incident iehor kien f`Awwissu 2006 meta hu u martu ddecidew li jibghatu lit-tifla ghal btala l-Ingilterra u kif gew lura mill-holiday Rita Abela ghaddietlu x` informazzjoni dwar l-ahhar caqlieq t`ibnu. Lil Rita Abela martu qaltilha li kull informazzjoni li jista' jkollha dwar Piers ghandha tmur l-ghalqa biex tghaddihielu. Din hekk ghamlet u l-ghada kif kienu ftehmu l-ajruport giet l-ghalqa bl-informazzjoni. Madwar ghaxar minuti li waslet hdejh giet ukoll hu martu ma jafx hux bi skuza biex jissellef flus minn ghandu. Jghid li dak il-hin ma tax kaz u talbu biex jidhol gewwa. Meta dan ra li kienu qed jiehdu ftit kafe bil-qeghda fuq siggu ma' genb ix-xatba rrifjuta li jidhol u talbu biex johorgu jitkellmu barra. Hu dak il-hin ma ta kaz xejn, biss wara xi jumejn martu bdiet ixxerred ix-xnigha li hu ghandu relazzjoni ma' mara ohra u li qabadhom fil-fatt.

Darb`ohra f`Awwissu 2007 il-boyfriend tat-tifla Roderick Debono qallu li t-tifla riedet tkellmu minghajr ma tkun taf ommha ghaliex kienet qed taghmel f`qalbha. Hu mar ikellimha u din qaltlu li l-inkwiet fil-familja kien qalghu hu peress illi ried ifittex u irnexxielu isib lil ibnu. Meta qalilha li dak kien huha hija qaltlu li ghaliha hu ma jezistix u li meta tarah barra fit-triq hija ttieh darha u fid-dar ma tkellmux. Jghid ukoll illi fil-Festa ta` Santa Liena Birkirkara wara l-festa meta waslu hdejn il-Knisja ta` San Silvestru huwa ma setax jissaporti l-insulti u t-tghajjir li beda hiereg minn halq martu. F`Awwissu 2006 bintu giet fuqu u qaltlu biex jekk ghandhom jisseparaw jaghmluha *fast forward.* Huwa jghid li t-tixwix u l-instigazzjoni ta` martu ma waqfux hawn tant li gurnata minnhom kien qed jistrieh u bdiet bhas-soltu ssaahhan lil bintu u tghidilha li issa anke lilha qed jara kera u li wara dan id-diskors bintu irvellat u bdiet tghajjat.

Martu bdiet tinstiga lil bintu biex tattakkah fizikament. Jghid li minn hemm telaq ‘il barra u mar l-ghassa tal-Pulizija fejn ghamel rapport. Jghid li martu kienet taf bl-attakkament tieghu ma’ bintu u dan apparti d-dannu kbir li kienet qed tikkawza lil bintu. (Rapport fl-Ghassa ta Birkirkara esebit Fol.69 Volume 1).

Inoltre f`Dicembru 2006 ibnu ddecieda li jigi Malta primarjament biex isir jaf lil familtu f`Malta. Ghaldaqstant huwa organizza ikla biex ilaqqa lil ibnu ma’ familjari tal-qrib, fost dawn ovvjament xtaq lil bintu. Din irrifjutat li tigi biex tiltaqa’ mieghu.[3]

Huwa jghid illi l-atteggjament negattiv u eccessiv fil-konfront tieghu hareg fil-berah meta fejn il-vann ta’l-iskola

---

[3] F`dan ir-rigward Dr.Karistu Abela fix-xhieda tieghu tas-6 t`Ottubru 2008 (Volume 3 a tergo Fol.373) jghid li hu kien ltaqa ma’ iben l-attur peress li l-attur kien organizza ikla. Ikkonferma li l-konvenuta u bintha ma kienux hemm. In kontro-ezami il-konvenuta DC fuq mistoqsija ladarba qabel ma zzewget lill-attur kienet taf bl-ezistenza tal-wild tieghu u li hu kien qed ifittex li jsib dan il-wild ghalfejn meta nstab baqghet qatt ma ltaqet mieghu u ma stednitux hi wiegbet: ‘tistieden u tiltaqa’ ma’ xi hadd li ma tafux?’

ta` bintu il-konvenuta bdiet tghajru li kellu tifel li la qatt ra u aktar u aktar mhuwiex sejjer jarah u li "lil bintek ma tgawdihiex u tfal aktar ma jkollokx." Skont l-attur dan il-kliem ikkonfermalu li hu kien qed jghix ma' persuna li tobodu u li ma tinteressaha xejn la mill-emozzjonijiet tieghu u l-anqas mill-ezistenza tieghu. Dan ikkonfermalu li d-decizjoni li ha li jibda proceduri ta` separazzjoni kienet l-unika wahda plawsibbli.

**Ix-xhud Isabelle Cremona** (Volume 1 Fol.151) tghid li l-attur qalilha li l-konvenuta kienet ilha taf sa` minn qabel iz-zwieg li huwa kellu tifel. Il-problema kienet kif se jghidu lit-tifla taghhom. **In kontro-ezami** l-istess xhud issostni li l-attur kien qallha li kien bil-hsieb li jmur ghat-terapija qabel ma jghidu lit-tifla dwar huha. Anzi tghid illi f`konversazzjoni fuq it-telefon tal-post tax-xoghol mal-konvenuta hi qaltlu li hi u l-attur kienu se jmorru ghat-terapija flimkien qabel ma jghidu lit-tifla.[4]

**Ix-xhud Rita Abela in kontro-ezami** (Volume 3 Fol.420) tghid in effetti illi l-attur dam rikoverat l-Isptar meta ghamel l-operazzjoni gimghatejn jew tlieta. F`dak iz-zmien hija kienet wahda mill-membri tal-istaff. Dan kien fl-ewwel okkazjoni fin-1991 u fil-frattemp kienet tinzertah il-Casino fejn hi kienet tmur ma' habiba taghha u hemm hekk kienet tinzerta lill-attur li kien jahdem hemm sa fejn taf hi bhala security. Fil-perjodu bejn 1996 sal-2006 meta rega' dahal l-isptar tghid li rat lill-attur madwar erba` jew hames darbiet ghaliex fil-1998 hija mbaghad waqfet tiffrekwenta l-Casino. Mistoqsija tispjega ghalfejn zammew kuntatt hi u l-attur wara li hareg mill-Isptar fl-2006 u anke introducietu mal-kugin taghha Father B Abela tghid illi dan ghamlitu ghaliex martu kienet semmiet quddiemha illi xtaqet illi l-

[4] Confidential-Clinical Psychology Report ta` **Dr.Paul Micallef** gja citat u senjatament fil-pagna 3 tar-rapport (Volume 3 Fol.689) jinghad f`dan ir-rigward illi "Unfortunately it became clear from feedback that I was getting that when he ( viz.A B C) tried to approach DC with an offer and invitation to join us in therapy she flatly refused. I understand she told her husband that this was his own personal problem and that he had to solve it on his own. On reflection this supports his repeated claims and fears that he was not only feeling but was actually being emotionally neglected and mentally abused.

attur jottjeni l-annullament tal-Knisja ghaliex qalet li kien jixirqilha li tizzewweg b`libsa bajda bhal haddiehor.

Tghid li l-kuntatt bejniethom zammewh minhabba l-fatt illi l-konvenuta kienet talbitha pjacir mill-Isptar u hija ghamlet hiltha sabiex taqdiha. Mistoqsija min kien jistidinha biex tmur id-dar tas-sinjuri C tghid li kienu jistidnuha t-tnejn li huma flimkien u dan in konnessjoni ma' karti li Mrs C xtaqitha tghaddi lil Fr.Abela li kien is-Sagra Rota Ruma. Dan gie nieqes f`Dicembru 2010. Mistoqsija kellhiex xi involvement ulterjuri in konnessjoni mal-proceduri ta` annullament oltre li laqqathom ma' Father Abela tghid li kienet laqqatu mal-Isqof ta` Ghawdex u f`din l-okkazjoni l-konvenuta ma kinitx giet ghaliex it-tifla kellha l-ezamijiet.[5] Mistoqsija jekk hi u l-attur jiftehmux biex jiltaqghu hi u hu tghid li qatt ma jkun hemm ftehim f`dan is-sens, izda Malta zghira u jkun hemm xi okkazzjonijiet meta tinzertah ghall-gharrieda ghalkemm meta jkun hemm it-tifel tieghu Malta dejjem jistidnuha ghall-ikel. Dwar id-drabi li ltaqet mieghu l-Belt ghal gharrieda jidhrilha li kien madwar ghaxar darbiet tul dawn l-ahhar sitt snin u generalment imorru jiehdu kafe flimkien.

Hija tichad illi tezisti relazzjoni bejna u l-attur u tghid li hemm biss hbiberija bejniethom u xejn aktar. Tghid li qatt ma kien hemm relazzjoni bejniethom. Tghid (Volume 3 Fol.437) illi dwar il-Psikologu Micallef taf illi l-attur kien talabha lill-mara sabiex tmur mieghu ghaliex id-diskors bejniethom dwar l-appuntament sar quddiemha. Tikkonferma illi meta l-attur kien l-Isptar u semma illi kellu dubju jekk martu kinitx ser taghtih hajt ta` kenn meta jigi biex isemmi quddiem it-tifla dwar ibnu tghid li hija fil-kapacita taghha ta` infermiera issuggeriet ifittex l-ghajnuna ta` psikologu sabiex jiggwidah dwar kif jinformaha.

B`referenza ghal vizita li saret ghand l-Isqof t`Ghawdex hemm ittra datata 15 ta` Jannar 2007 (esebita a Fol.496

---

[5] Vide Affidavit ta` **Patri Gwann Abela tat-3 ta` Marzu 2008** (Volume 1 Fol.166)

Volume 3). Din kienet b`risposta ghall-ittra li kienet kitbet hi b`referenza ghall-kaz tal-attur. Hija tghid li kienet tmur regolarment ghand il-partijiet ghaliex kienet tiehu t-tifla ta` huha Valentine tilghab ma' Chantelle. Valentine kellha madwar 13 il-sena u kienet ftit izghar fl-eta' minn Chantelle. Mistoqsija (Volume 3 Fol.448) kienx soltu illi titlaq mix-xoghol u tmur hdejn l-attur fuq il-post tax-xoghol tieghu u dan b`referenza ghall-pagna 11 l-ahhar paragrafu tal-affidavit taghha tghid li kienet allarmata ghaliex ftit zmien qabel l-istess attur kien ipprova inehhi hajtu b`idejh u t-ton ta` lehnu fuq it-telefon kien preokkupanti. Hlief f`din l-okkazjoni ma marritx il-Casino salv ghal dawk l-okkazjonijiet li semmiet precedentement meta kienet tmur mal-habiba taghha. (Fil-Volume 3 Fol.449) Hija tghid li meta l-attur hassu hazin l-ghalqa f`Awwisu 2006 tghid li hi kienet xoghol u nghatat permess sabiex titlaq minn fuq ix-xoghol u dwar dan ippresentat stqarrija guramentata (Dok.RA1 esebit Fol.495 Volume 3).

**Ix-xhud Chantelle C,** bint il-kontendenti xehdet[6], illi l-problemi matrimonjali bejn il-genituri taghha kienu bdew jinqalghu fiz-zmien tal-investigazzjoni izda mhux minhabba t-tifel. Tghid li f`dan iz-zmien Rita Abela kienet tkun ta` spiss prezenti fil-hajja taghhom u kien f`dan iz-zmien li bdew jizviluppaw il-problemi. Dan kien fis-sajf 2006.

Hi kienet tara lill-genituri taghha jiggieldu aktar ta` spiss u dan minhabba l-indhil ta` Rita Abela. Tghid li kien missierha li kien jippermettilha tindahal ghaliex it-tifel kien tieghu; madankollu ommha kienet kuntenta wkoll li din Rita tindahal ghaliex ommha riedet li missierha isib lit-tifel izda ma riditx li Rita Abela tindahal bejniethom bhala koppja fir-relazzjoni ta` bejnithom. Mistoqsija kif tenut kont ta` dawk ic-cirkostanzi xorta siefret ma' Rita minkejja dawn il-problemi li kienet tohloq tghid li hi kienet mwebbla biex tmur fuq din is-safra. Tikkonferma li kienet marret ma' Rita Abela l-Ingilterra u li kienu qaghdu ghand familjari taghha. Tghid li hija qatt ma rat lil missierha f`sitwazzjonijiet kompromettenti li jhassbuha li kien hemm

[6] Volume 3 Fol.456

relazzjoni intima bejniethom. Tghid li hi taf li ibnu gie diversi drabi hawn Malta. Tghid li ratu fil-kumpanija ta` missierha izda qatt ma kellmitu. Hija tghid ukoll (Volume 3 Fol.461) li dwar ir-riceviment hija riedet li jattendu bhala familja u cioe' li jkun hemm ommha prezenti wkoll. Mistoqsija jekk ommha qatt ghamlet sforz biex lilha tlaqqahha ma' huwha tghid li ommha qatt ma ghamlet dan l-isforz ghaliex missierha ghadu qatt ma gabu d-dar hlief f`okkazjoni wahda meta gabu d-dar izda baqa' barra x-xatba; dan kien fil-bidu meta gie Malta.

Ix-xhud **DKeane** xehdet fl-Affidavit taghha (Volume 1 a Fol.153) kif ukoll in kontro-ezami (Volume 3 a tergo fol.382 et seq) li hija tigi kugina ta` A C u li hi u zewgha baqghu jippruvaw isibu lill-iben A ghal dawn l-ahhar tlieta u ghoxrin sena u li fit-22 t`Ottubru 2006 irnexxielhom isibuh. Wara saru jafu illi dak iz-zmien kollu ma kienx irnexxielhom isibuh ghaliex ommu kienet regghet izzewget meta t-tifel kellu hames snin u kienet bidlitlu kunjomu ghal Smith pero' it-tifel kien rega' bidlu ghal C meta sar maggorenni.

In kontro-ezami (Volume 3 Fol.383) tghid illi lil Rita Abela ltaqet l-ewwel darba maghha fit-2006 fl-Isptar meta lill-attur kien tah hass hazin. Tghid li meta t-tifel tal-attur gie Malta mill-Ingilterra wara li sabuh kellha zzommu maghha fil-flat ghaliex il-konvenuta ma laqatux. Hija ssostni li l-konvenuta ma riditx taf b`dan it-tifel.

Xehed ukoll **Rev. Fr. Antonio Mallia**[7] permezz ta' affidavit fejn spjega li huwa kien agixxa bhala prokuratur specjali tad-defunta Anna Saliba fir-rigward tal-flus li kellha l-Bank u li fis-16 ta' Frar 2004, xahrejn qabel il-mewt tal-imsemmija Anna Saliba huwa kien ittrasferixxa lill-attur is-somma globali ta' €24,243.1 bhala dak li wiret l-attur minghand Anna Saliba.

**Konsiderazzjonijiet**.

[7] Fol. 171

**Tkissir taz-Zwieg.**

Il-konvenuta ressqet diversi xhieda, b’mod partikolari familjari, kif ukoll l-gharus ta’ bintha, sabiex jixhdu illi huma raw lill-attur fil-kumpanija ta’ mara ohra, u uhud minnhom anke ddikjaraw li kienet din l-istess Rita Abela. Madanakollu, hadd minnhom ma xehed dwar xi episodju li jindika agir adulteru da parti tal-attur. Illi da parti tieghu, l-attur cahad li qatt kellu relazzjoni intima ma’ Rita Abela, u l-istess Rita Abela waqt kontro-ezami dettaljat cahdet li qatt kellha xi relazzjoni intima mal-attur, u li r-relazzjoni taghha mieghu kienet wahda ta’ hbiberija, bhal ma kienet ta’ hbiberija mal-konvenuta wkoll.

Kif tajjeb osservat il-Perit Legali fir-rapport taghha, il-fatt li dan iz-zwieg bejn il-partijiet illum il-gurnata tkisser irrimedjabilment mhux ikkontestat minn ebda wahda mill-partijiet, u ghalkemm iz-zewg partijiet ghadhom jghixu taht l-istess saqaf, madanakollu, jghixu hajja totalment separata minn xulxin, tant illi l-attur jghix fil-parti ta’ isfel tad-dar, u l-mara fil-parti ta’ fuq. Oltre dan, iz-zewg partijiet jevitaw il-kuntatt u komunikazzjoni bejniethom, tant illi jidhlu fid-dar f’hinijiet differenti minn xulxin, u ghal perjodi qosra hafna, kwazi kwazi kemm jinhaslu u jorqdu hemm.

Jirrizulta illi l-problemi fiz-zwieg ta’ bejn il-partijiet ilhom gejjin.

Il-fatt li wara li twieldet it-tifla tal-partijiet din baqghet torqod maghhom fl-istess kamra sa anke meta bdiet tikber u dan fuq insistenza tal-konvenuta tindika sitwazzjoni psikologika ta’ certu diffikulta’. Minhabba dawn ic-cirkostanzi l-attur kellu jwarrab mill-kamra tas-sodda matrimonjali u beda jorqod f’kamra tas-sodda separata minn ma’ martu u bintu, li baqghet torqod ma’ ommha. Il-partijiet ma gharfux jaghtu l-importanza mehtiega lir-relazzjoni ta’ bejniethom, u ma kkurawhix bizzejjed, u l-uniku element li kien qed jaqqadhom flimkien kienet it-tifla taghhom, li sakemm instab it-tifel tal-attur kellha relazzjoni tajba hafna maz-zewg genituri. Madanakollu, hekk kif

instab it-tifel, is-sitwazzjoni familjari ta' bejn il-partijiet precipitat.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta, ghal ragunijiet li baqghu dejjem neboluzi tul il-kawza, ma accettatx ir-ritrovament ta' iben l-attur, nonostante li l-attur kien ghamililha cara sa minn qabel ma zzewgu illi kienet ix-xewqa ta' hajtu li jirnexxielu jsib lill-ibnu mill-ewwel zwieg u li kien ilu snin ma jkollu ahbar dwaru. Gie ppruvat illi nonostnate li iben l-attur gie diversi drabi hawn Malta jzur lill-missieru u lill-familjari, l-konvenuta baqghet sal-lum tirrifjuta li tiltaqa' mieghu. Fil-fehma tal-Qorti dan l-agir huwa manifestazzjoni ta' azzjoni hazina mhux fil-konfront ta' iben l-attur izda fil-konfront tal-attur. Konxja mill-hegga kbira li kellu l-attur li jerga' jiltaqa' ma' ibnu, l-konvenuta adoperat din it-tattika sabiex twegghu fuq haga li kienet tant ghal qalbu, li jerga' jara lill-ibnu fi hdan il-familja tieghu almenu meta jigi jzurhom hawn Malta.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 9 tal-Kap. 16** li jipprovdi illi:-

*Parti fiż-żwieġ ma tistax ma tagħtix l-appoġġ morali tagħha lill-parti l-oħra fit-twettiq ta' kull obbligu li dik il-parti l-oħra jkollha lejn id-dixxendenti jew l-axxendenti tagħha.*

Hija l-fehma tal-Qorti illi dan l-atteggjament tal-konvenut holoq tensjoni bla bzonn bejn il-partijiet li waslet ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Jirrizulta wkoll illi l-atteggjament negattiv da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur appena sab lill-ibnu kellu effett negattiv ukoll bejn ir-relazzjoni tal-attur ma' bintu. L-atteggjament negattiv tal-konvenuta lejn l-attur kienet testernah b'tali mod li influwenzat lill-bintha. Fil-fatt bint il-partijiet xehdet illi f'dan it-tilwim bejn missierha u ommha hija zammet ma' ommha. Il-Qorti ma tati l-ebda tort lil bint il-partijiet illi bhal hafna kazi ta' din ix-xorta sabet ruhha f'sitwazzjoni tal-impossibbli, u cioe' li jkollha taghzel lil min ser tappoggja. Bl-agir taghha l-konvenuta irnexxielha tifred lill-attur minn ma' bintu.

F’dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali illi ghat-tkissir taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet tahti unikament il-konvenuta.

L-agir taghha fil-konfront tal-attur konsistenti f’akkuzi infondati ta’ infedelta’ u f’azzjoni ta’ mohqrija psikologa kontra l-attur jammontaw ghal eccessi, mohqrija u ingurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16..

**Sanzjoni**.

**Artikolu 48 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta’ dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

**Artikolu 40 tal-Kap. 16**.

*Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment*:

**Artikolu 51 Kap.16**

*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

**Artikolu 52 Kap.16**

.

*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda*.

Bis-sahha tal-artikoli appena citati il-Qorti qed tiddikjara illi gialadarba qed issib lill-konvenuta hatja ta' eccessi, mohqrija u ingurji gravi fil-konfront tal-attur, li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejniethom, qed tikkommina fil-konfront taghha is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16. Tiddikjara illi l-konvenuta irrendiet ruhha hatja tal-firda b'effett minn Lulju tas-sena 2006 u cioe' is-sena li fiha l-attur irnexxielu jirrintraccja lil ibnu Piers liema avveniment wassal lill-konvenuta tadotta agir sistematiku ta' mohqrija psikologika fil-konfront tal-attur.

**Manteniment**

B'digriet tal-14 ta' Novembru 2007, l-attur gie ordnat sabiex jivversa manteniment *pendente lite* fl-ammont kumplessiv ta' Lm 200 fix-xahar, ekwivalenti ghal € 465.87, rapprezentanti in kwantu ghal Lm 120, ekwivalenti

ghal €279.52, bhala manteniment ghall-konvenuta, u in kwantu ghal Lm 80, ekwivalenti ghal € 186.35, bhala manteniment ghal bintu, li kienet ghadha minuri.

L-ghoti tal-manteniment *pendente lite* huwa dejjem moghti bhala mizura temporanja u m'ghandu qatt jigi konsidrat bhala xi dritt kwezit ghall-manteniment. Difatti l-Qorti hija moghtija s-setgha li takkorda manteniment *pendente lite* fl-istadju inizjali tal-procedura gudizzjarja meta hafna drabi l-provi rilevanti jkunu ghadhom skarsi. Konsiderazzjonijiet ta' htija ghat-tkissir taz-zwieg normalment ma jittiehdux in konsiderazzjoni f'dak l-istadju sakemm ma jirrizultawx anke fuq livell ta' *prima facie* jew sakemm ma jkunux gew ammessi.

**Artikolu 37 tal-Kap. 16:-**

*(1) Il-kawżi kollha għal separazzjoni personali għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-Qorti Ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għallġustizzja:*

*Iżda qabel jinbdew il-proċedimenti, tista' ssir talba sabiex jiġi stabbilit l-ammont tas-somma għall-manteniment fil-waqt li l-proċedimenti jkunu pendenti u għall-għoti ta' digriet li jordna l-ħlas ta' dik is-somma ………………."*

Una volta l-konvenuta qed tinstab unikament hatja ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, hija qed tigi dikjarata li iddekadiet mid-dritt li tezigi manteniment minghand zewgha b'effett minn Lulju 2006 b'applikazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Kap. 16. F'dan is-sens qed tiddipartixxi mill-fehma espressa mill-perit legali li l-attur ghandu jigi kkundannat ikompli jhallas manteniment lill-konvenuta.

Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi qed tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-14 ta' Novembru 2007.

**Kura, kustodja u access**

Illi fid-dawl tal-fatt illi bint il-partijiet hija llum maggiorenni, m'hemmx lok li jinghata pronunzjament dwar kura, kustodja u manteniment dwar bint il-partijiet.

**Dar Matrimonjali**

Illi l-fond matrimonjali, u cioe' **Casa C, Triq Mons. Alfred Mifsud, Birkirkara** huwa proprjeta' parafernali tal-attur, in kwantu inbena mill-attur qabel iz-zwieg fuq art li kienet giet akkwistata minnu precedentement permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr Tonio Spiteri datat 1 ta' Marzu 1979. L-ebda sehem minn dan il-fond ma jappartjeni lill-konvenuta.

**Mobbli**.

Illi minn dokumenti pprezentati mill-attur jirrizulta illi l-maggorparti tal-oggetti mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali gew akkwistati mill-attur qabel iz-zwieg, bl-eccezzjoni tal-ghamara tal-kamra tal-ikel, is-salott, it-television, trolley tal-kewkba, u l-imwejjed, li jirrizulta li nxtraw fiz-zwieg. Illi ma ngabet ebda prova dwar il-valur tal-mobbli li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u ghalhekk din ghandha tinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

**Residenza**.

Tenut kont li l-konvenuta qed tinstab unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet u tenut kont ukoll tal-fatt illi d-dar matrimonjali tappartjeni esklussivament lill-attur, il-Qorti qed tordna lill-konvenuta tizgombra mid-dar matrimonjali fi zmien tlett xhur millum.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

L-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet huma s-segwenti:-

(i) Kreditu tal-komunjoni kontra l-attur fir-rigward tal-kostruzzjoni ta’ zewg garaxxijiet u maisonette, li nbnew waqt iz-zwieg fuq art u arja parafernali tal-attur, li jinsabu f’Ganu Street u fi Triq Mons. Alfred Mizzi, Birkirkara. Ix-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni gew jammontaw kumplessivament ghal Lm 8,810.95, ekwivalenti ghal €20,523.99, u dan skont kejl li ttiehed fiz-zmien meta dawn inbnew, u cioe’ fl-1994 u 2002 rispettivament. Ghalhekk il-komunjoni tal-akkwisti ghandha kreditu kontra l-attur fis-somma ta’ €20,523.99

(ii) Il-kirjiet li l-attur irceva *pendente lite* rigward iz-zewg garaxxijiet parafernali tieghu li kienu mikrija € 419.29 kull wiehed fis-sena.

(iii) Kamra antika li tinsab fi Triq Has-Sajjied, B’Kara, li inxtrat mill-partijiet fil-15 ta’ Lulju 1999 in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dr Tonio Spiteri. Din giet valutata fl-2007 li tiswa € 23,293.73.

(iv) Investimenti fi hdan Calamatta & Cuschieri, li fl-2011 gew stmati li jiswew madwar € 66,682.91 (Dok. Z1).

(v) Kont bankarju intestat lil DC, il-konvenuta, fi hdan HSBC (Bank) Malta p.l.c., li nfetah fis-27 ta’ Settembru 2006 u li fil-11 ta’ Frar 2008 kien fih bilanc ta’ €10,086.40.

(vi) Kont bankarju intestat lil DC, il-konvenuta, fi hdan HSBC (Bank) Malta p.l.c., li nfetah fil-11 ta’ Awwissu 2006 u li fil-11 ta’ Frar 208 kien fih bilanc ta’ Lira Sterlina 1,288.85.

(vii) Ishma fi hdan Malta International Airport, li 1,500 minnhom huma intestati lill-attur, u 1,500 huma intestati lill-konvenut.

(viii) Vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni BBP 479, irregistrata f’isem l-attur. Din giet irregistrata f’isem l-attur fil-15 ta’ Marzu 2005, u z-zewg partijiet jiddikjaraw li nxtrat minn flus provenjenti

minn assi ereditarji tad-defunta Anna Saliba, li halliet somma flus a favur tal-attur.

(ix) Kamra tal-ikel, salott, it-televizjoni, trolley tal-kewba u imwejjed.

**Proprjeta' parafernali tal-attur**

L-art u l-arja li fuqha nbnew il-garaxxijiet u maisonette imsemmija aktar 'l fuq.

Dar bin-numru 2 u 4, inkluz l-arja fi Sqaq numru 2, fi Triq Has-Sajjied, B'Kara, u dan kif rizultanti minn dikjarazzjoni *causa mortis* datata 9 ta' Awwissu 2004 in atti Nutar Dr Nicholas Briffa.

Vettura tal-ghamla Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAL 134.

Illi dawn il-beni ghandhom jibqghu proprjeta' esklussiva tal-attur.

**Proprjeta' parafernali tal-konvenuta**

Il-konvenuta qed tippretendi li mill-assi tal-komunjoni tippercepixxi s-somma ekwivalenti ghal Lm20,000, ekwivalenti ghal €46,587.47, li tghid li kellha qabel iz-zwieg. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tghid li dwar din il-pretensjoni gabet diversi provi fosthom l-affidavit tal-istess konvenuta, ta' bint il-partijiet, ta' hu l-konvenuta u ta' Carmel C.[8] Tghid li dawn il-flus intefqu ghall-ghamara u l-bqija gew investiti fl-ishma ghand Calamatta ezatt wara z-zwieg tal-partijiet.

L-ghamara li l-konvenuta qed tirreferi ghaliha tikkonsisti f'zewg kmamar tas-sodda u spare bedroom (eskluza l-main bedroom), salott b'sufan u zewg pultruni, cupboard

[8] Fol. 827, pagna 15 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta.

tal-entrata, chauffenier u l-mera ta' fuqha, oggetti tat-tizjin u xi linef.

Il-Qorti tikkondividi l-opinjoni espressa mill-Perit Legali illi mill-atti ma jirrizultawx provi sufficjenti biex it-tezi tal-konvenuta tigi akkolta. Il-konvenuta tallega li dawn il-flus kienu flus kontanti u li allegatament kienu qed jinzammu gewwa safe. Il-konvenuta tallega illi Lm 15,000 minnhom intuzaw sabiex inxtraw shares, minghajr ma tindika b'aktar precizjoni dawn ix-shares x'kienu, filwaqt illi tiddikjara wkoll li mill-kumplament Lm 3,000 minhom zammewhom id-dar, u li dawn gew mislufa lil hu l-attur, izda gew ritornati, u li Lm 2,000 ohra – li kienu fil-pussess ta' oht l-attrici, Dolores Sammut – intuzaw sabiex inxtraw l-oggetti mobbli hawn fuq imsemmija.

**Semper necessitas probandi incumbit ei qui agit.** Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta ma rnexxiliex tilhaq dak il-grad ta' prova necessarju sabiex tnissel dak il-konvinciment necessarju ghall-akkoljiment tal-pretensjoni taghha.

**Likwidazzjoni.**

Kif rajna hemm kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta' €20,523.99 kontra l-attur stante li matul iz-zwieg sar bini ta' garaxxijiet u maisonette, fi Triq Ganu u Mons. Alfred Mizzi, B'kara fuq art proprjeta' esklussiva tal-attur. L-attur ghandu jhallas lill-konvenuta dan l-ammont.

Il-kera relattiva ghaz-zewg garaxxijiet parafernali tal-attur ghandu jibqa' jircevihom l-attur filwaqt li l-kirjiet li gew ricevuti fil-passat ghandhom jinzammu fl-intier taghhom mill-attur b'applikazzjoni tas-sanzjoni fuq imsemmija.

Il-kamra antika fi Triq is-Sajjied, B'Kara, li tappartjeni liz-zewg partijiet ghandha tinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

L-investimenti fi hdan Calamatta & Cuschieri ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

L-ishma fi hdan Malta International Airport intestati liz-zewg partijiet kontendenti separatament ghandhom jibqghu proprjeta' ta' dik il-parti f'isem min huma intestati.

Il-konvenuta trodd lura lill-attur nofs il-bilanci li kien hemm fil-kontijiet bankarji intestati lill-istess konvenuta qabel dawn gew zbankati mill-konvenuta u cioe' l-ammont ta' € 5,043.20 u Lira Sterlina 644.43.

Il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BBP 479 ghandha tigi assenjata lill-attur fi piena u assoluta proprjeta'.

Iz-zewg kmamar tas-sodda u spare bedroom (eskluza l-main bedroom), salott b'sufan u zewg pultruni, cupboard tal-entrata, chauffenier u l-mera ta' fuqha, oggetti tat-tizjin u l-linef ghandhom jinbieghu bis-subbasta u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

**Spejjez Gudizzjarji**.

Tenut kont li l-konvenuta instabet unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet, qed tigi kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoniijiet u t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta konsistenti f'sevizzi, eccessi u ingurji gravi;

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici in kwantu llum bint il-partijiet hija maggorenni;

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tapplika kontra l-konvenuta id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tiddikjara li ddekadiet mid-dritt li tircevi manteniment minghand l-attur b'effett minn Lulju 2006 kif ukoll milli tippartecipa mid-dhul tal-konvenut mid-data imsemmija 'l quddiem;

5. Tilqa' l-hames talba attrici, u filwaqt illi tittermina u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwida l-istess kif deciz aktar 'il fuq f'din is-sentenza, fil-parti intestata 'Likwidazzjoni';

6. Tichad is-sitt talba attrici in kwantu ma rrizultax mill-provi illi l-konvenuta ghandha fil-pussess taghha oggetti parafernali tal-attur;

7. Tilqa' s-seba' talba attrici, u tordna lill-konvenuta sabiex tizgombra mid-dar matrimonjali mhux aktar tard minn tliet (3) xhur millum;

8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

9. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti jikkomunika kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------